MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Numru. 82/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Edward Joseph Zammit Maempel**

Numru: 82/2010

Illum 5 ta’ Marzu, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Edward Joseph Zammit Maempel,** ta’ tnejn u erbghin (42) sena, iben Albert Victor u Josette neé Borg Oliver, imwieled Sliema, Malta nhar l-14 ta’ Gunju 1968, residenti fil-fond ‘Green Hills’, Flat 1, Triq is-Salini, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru

349568(M), akkuzat talli fit-3 ta’ Lulju 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa x-Xewkija, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f’dawn il-gzejjer, f’hinijiet differenti;

1. biegh jew xort’ohra ittraffika fir-raza mehuda mil-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta kannabis kollha, jew bicca minnha, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba’ u s-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta dawn ir-reati f’post, fi jew gewwa centru, u jew f’distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali (*a fol.* 21).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 22)

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u semghet ukoll lill-imputat jixhed b'mod volontarju u minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed l-i**Spettur Frank Tabone** (*a fol.* 23 *et seq.)* li qal li fit-3 ta' Lulju 2010 ghal habta ta' 9.45pm, PC 138 Joseph Portelli u PC 1384 Felix Sammut innutaw persuna suspettata go vettura bin-numru ta' registrazzjoni EZM 200, liema vettura giet iffolowjata mill-Pulizija msemmija u din giet innutata tieqaf go *parking area* faccata tal-*ground* tax-Xewkija. Irrizulta li fil-vettura kien hemm l-imputat u li x'hin il-Pulizija kienu ser japprowcjaw il-vettura msemmija nnutaw persuna femminili riesqa lejn l-istess vettura. Mit-tfittxija li saret fl-istess vettura u fuq il-persuna tal-imputat kienet instabet ukoll sustanza suspettata kokajina li giet esebita u mmarkata bhala Dok. "FT" u gie wkoll elevat sigarett suspettat kannabis u kif ukoll sustanza ohra li giet suspettata li hija blokka tal-kannabis li giet immarkata bhala Dok. "FT 1". Mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat gew elevati *foil*, li gie mmarkat bhala Dok. "FT 2", kif ukoll mizien, li gie mmarkat bhala Dok. "FT 3". Giet

esebita stqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. “FT 4”.

Illi, fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2012, xehed l-ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 29 *et seq.)* li qal li fix-xahar ta’ Gunju 2010 kienu gabu xi informazzjoni li l-imputat kien qed jittraffika xi droga f’Ghawdex u li fit-3 ta’ Lulju tal-istess sena ghal habta ta’ 9.45pm hu, flimkien ma’ PC 1384, kienu *patrol* fejn il-*lights* tax-Xewkija u nnutaw lill-imputat gej mid-direzzjoni tal-Mgarr lejn ix-Xewkija u ddeciedew li jmorru jsegwuh u nnutawh jieqaf fil-*parking* li hemm faccata tal-*ground* fix-Xewkija. Jghid li kif nizel ghal fuqu nnota persuna kienet qieghda vicin tal-vettura u lill-imputat kienet qaltlu li kienu gejjin il-pulizija u li din marret fil-vettura taghha u saqet u rnexxielhom iwaqqfu lill-imputat. Jghid li ordnaw lill-imputat johrog mil-vettura u f’idu x-xellugija nnutaw li kien hemm xi haga ghax kien qed izomm idu maghluqa u x’hin ppruvaw jifthulu jdejh waqghet borza bi trab abjad suspettuza kokajina, hargu bicca *foi*l li kien fiha sustanza kannella iebsa suspettuza raza tal-kannabis u sigarett suspettat *joint* tal-haxixa. Jghid li flimkien mal-imputat kien hemm certu Loretta Vella u li l-imputat kien stqarr maghhom li din Loretta Vella ma kellha x’taqsam xejn ma’ dawn l-affarijiet peress li dawn l-affarijiet kienu tieghu. Jghid li kienu nfurmaw lill-iSpettur Tabone u li mit-tfittxija li saret gol-appartament tal-imputat f’Marsalforn elevaw *digital scale*, romblu *foil* u li kien fih tebgha simili ghal dik li kien hemm imgezwra ma’ dik il-bicca raza tal-kannabis, karti tal-brim *roll up extra large* u kollox gie mghoddi lill-iSpettur Tabone.

Illi, fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2012, xehed l-ukoll **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 31 *et seq.)* li hejja r-rapport, liema rapport gie immarkat bhala Dok. “ES 1”.

Illi, fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2012, xehed l-i**Spizjar Godwin Sammut** (*a fol.* 37 *et seq.)* li xehed rigward il-hatra tieghu tal-11 ta’ Jannar 2012 fejn dan qal li bhala konkluzjoni fuq *swab* mehuda minn fuq il-mizien li hemm fid-dokument 036 12 02 ma nstabitx droga pero’ f’estratti mehuda minn sustanzi ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 036 12 02 instabet sustanza li tigi mil-pjanta tal-

kannabis u minn fuq estratt ta’ sustanza ta’ lewn kannella li hemm karta rrumblata fid-dokument imsemmi nstab ukoll sustanza nicotine. Jghid ukoll illi nstabu wkoll trab ta’ lewn abjad, sustanza kokajina. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie immarkat bhala Dok. “GS 1”.

Illi, fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2012, xehdet **Nadia Gatt (***a fol.* 59), *clerk* mat-Transport Malta, li xehdet li fit-3 ta’ Lulju 2010 il-vettura EZM 200 kienet irregistrata fuq l-imputat u l-*ownership* tal-vettura bdiet fit-22 ta’ Mejju 2010. Ezebiet Dok. “NG 1”.

Illi, fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2012, xehed **PC 1384 Felix Sammut (***a fol.* 62 *et seq.*), li qal li f’Gunju tal-2010 kellu informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien qed jitraffika xi droga u li fit-3 ta’ Lulju 2010 waqt li kien *patrol* ma’ PC 138 lemhu l-vettura EZM 200 li tghajjat lill-imputat li kienet gejja mill-Mgarr. Jghid li din il-vettura lemhuha fid-dahla tal-*parking area* li hemm fil-Gozo *stadium*, wieqfa u magenbha kien hemm vettura ohra u kien hemm tfajla barra. Jghid li waqqfu l-vettura, nizel PC 138 u din it-tfajla li kien hemm fejn ix-xufier qalet li kien hemm il-pulizija u t-tfajla rikbet fil-karozza u baqghet sejra u x-xufier tal-vettura, dakinhar kien qed isuq l-imputat, qabad u saq u PC 138 ghamel mezz li jwaqqfu u filfatt waqqfu milli jitlaq. Jixhed li seta’ jara lil PC 138 izomm id ix-xellugija tal-imputat u jghidlu sabiex jiftah idejh, u kif fetah idejh waqghet borza mal-art li go fiha kien hemm xi trab abjad suspettat kokajina u li kellu bicca *foil* b’bicca blokka kannella suspettata raza tal-kannabis u *joint* suspettat li huwa *joint* tal-kannabis. Wara li haduh l-Ghassa marru Marsalforn u ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn sabu mizien digitali, xi libretti etc. Meta gie mistoqsi jghid jekk kienx jaf min kienet il-persuna li telqet minn fuq il-post, jghid li jaf biss li kienet mara u li din qalet: *“Pulizija, Pulizija”* (*a fol.* 63).

Illi, fis-seduta tal-16 ta’ Mejju 2012, xehed il-**Perit Shaun Micallef** (*a fol*. 65 *et seq.*) li ezebixxa r-rapport mhejji minnu u li gie mmarkat bhala Dok. “SM 3”. Jghid li ha d-distanza mill-bieb principali u l-bieb sekondarju li hemm ftit ‘l fuq mill-bieb principali u bhala distanza jghid li hemm 40

metru mill-bieb principali u madwar 18-il metru mill-bieb sekondarju li jinsab il-fuq. Jispjega li meta jghid *"bieb principali"* jirreferi ghal *gozo stadium*. B'riferenza ghall-Gozo Stadium, jghid li dan jilghabu fih il-loghbiet principali tal-futboll u b'hekk huwa post pubbliku.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, xehed l-**imputat** (*a fol.* 77 *et seq.*) li qal li fit-3 ta' Lulju 2010 hu kien qed idur bil-vettura tieghu u rcieva telefonata minn ghand habiba tieghu li staqsietu x'kien qed jaghmel u hu kien wegibha li hu kien sejjer jiehu *drink* u li kien sejjer ipejjep *joint* u staqsietu jekk setghetx tmur mieghu u hu wegibha "iva" u ftehmu li jiltaqghu fit-triq tar-Rabat fejn il-*ground*. Jghid li ltaqghu hemmhekk u dak il-hin gew il-Pulizija u waqqfuh. Jispjega li din il-persuna telqet 'l hemm u li l-Pulizija sabulu raza tal-kannabis u l-kokajina u haduh l-Ghassa biex jaghmlulu *statement*. Ikkonferma li ta l-istqarrija tieghu. Jghid illi hu kien sejjer ipejjep *joint* ma' din il-persuna fil-*parking* hdejn il-*ground* tal-futbol u li kien ser jghaddilha *joint* u kienu ser ipejpuh flimkien fil-vettura. Jghid li sakemm marru l-Pulizija, il-persuna lehqet biss harget mill-vettura, avvicinatu hdejn il-vettura tieghu u kienet tiela' gol-vettura ha jmorru jpejpu, mbaghad gew il-Pulizija u lehqet telqet u tbeghdet u li meta gew il-Pulizija kienet ghadha ma dahlitx fil-vettura u li kienet ghadha fil-*parking area* stess. Jghid illi l-*joint* kienet tieghu. In <u>kontro-ezami</u> jghid illi kellu bicca raza tal-kannabis u kellu ftit kokajina u li lil din il-persuna kien ghadu ma ghaddielha xejn *"ghax il-persuna kienet dahlet gol-karozza u inpejpuh flimkien, nghaddu l-joint flimkien u npejpuh"* (*a fol.* 79). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi okkazjonijiet ohra fejn iltaqa' ma' din il-persuna jew ma' xi persuni ohra, hu wiegeb hekk: *"Le, fil-passat iltqajt maghha billi kienet habiba tieghi u okkazjonalment 'l hemm u l' hawn u pejjipna joint, ghaddejnieh flimkien ukoll"* (*a fol.* 79).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, saret it-trattazzjoni da parti tal-Ufficjal Prosekutur u kif ukoll tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

<u>L-Ewwel Imputazzjoni: Traffikar</u>

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-kontestazzjoni bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza huwa jekk dan il-kaz jistghax jigi kkunsidrat bhala wiehed ta' "sharing", kif issostni d-difiza, jew le, kif ssostni l-Prosekuzzjoni.

Illi, fid-decizjoni moghtija fis-17 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Claire Farrugia**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jghid testwalment hekk:- *"Ghall-finijiet ta' din l-Ordinanza il-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b' riferenza ghal traffikar f' medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoini f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti t'informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza*": Issa hu minnu li l-kelma *"amministrazzjoni*" ma hix definita fl-istess Ordinanza w ghalhekk ghandhom japplikaw il-konnotati w sinifikat li normalment jistghu jinghataw lil din il-kelma. Issa fil-lingwa franka Maltija hemm distinzjoni bejn il-kelma "tamministra" u l-kelma "tissomministra". Fil-waqt li ta' l-ewwel tfisser tmexxija, gestjoni, kmand, tittutela, ecc., it-tieni ghandha l-konnotazzjoni preciza ta' wiehed li jaghti medicina jew duwa lil xi persuna ohra. Ghalhekk il-kelma *"amministrazzjoni*" fit-test Malti u *"administration*" fit-test ingliz tal-artikolu 22(1B) ma jidhirx li ghandha s-sinifikat li wiehed fizikament jissomministra droga jew sustanza perikoluza lill-haddiehor, bhal per ezempju jinjettah biha jew ipoggihielu quddiem imniffsejh biex jassorbiha b'dak il-mod, imma li wiehed ikun qed imexxi jew jidderigi l-ispacc jew in-negozju tad-droga. Anki mill-fatt li din il-kelma: "*l-amministrazzjoni*" tinsab bejn il-kliem "il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni u l-kelma "il-provvista" jidher li hawn il-legislatur qed jirriferi ghall-xi att ta' organizzazzjoni jew gestjoni ta' xi operazzjoni ta' negozju ta' droga u mhux is-semplici somministrazzjoni tal-istess minn persuna ghall-ohra li jkunu f'relazzjoni ta' hbiberija jew intimita'".

Illi, kif diga nghad, id-difiza tikkontendi li l-kaz odjern ghandu jigi kunsidrat bhala wiehed ta' *sharing*. Il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma dan. Fid-decizjoni moghtija fis-26 ta' Jannar 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Camilleri**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:
"F'dan-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 li jipprovdi: *"(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i): Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu."*

Fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat b'dan il-mod: *"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien*

*li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Illi, mill-provi prodotti jirrizulta li d-droga ma gietx kkunsmata u anqas tezisti prova konkreta, minkejja dak li jinghad mill-imputat, jekk din kienitx ser tigi kkunsmata fl-istess post jew jekk kienitx ser tigi kkunsmata mill-imputat flimkien mal-persuna ta' sess femminili li lahqet telqet minn fuq il-post. Ma jistghax jinghad li l-kaz odjern huwa kaz ta' *sharing*. Dan qieghed jinghad ukoll tenut kont tal-fatt ta' fejn inqabad l-imputat mill-Pulizija u li l-persuna ta' sess femminili giet bil-vettura taghha.

Illi l-Qorti lanqas ma hija sodisfatta li jezistu provi soda sabiex l-imputat jkun jista jigi misjub hati li biegh jew ittraffika l-kannabis. Harsa u qari akkurat tat-tifsira tal-kelma "jittraffika" u kif ukoll ta' dak li qalet il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs. Claire Farrugia**, ikkwotata aktar il-fuq, ma jwassalx lil din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li ghandha ssib htija tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Wiehed ma jridx jinsa li anqas ma jirrizulta mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat li kien sar xi ftehim ta' xi flus u li ghad-domanda jekk kienx ser jitlob xi flus, l-imputat wiegeb fin-negattiv. Ma tistghax tinstab htija tal-imputat semplicement ghax fl-istqarrija huwa qal li kien ta xi *joint* lil din il-persuna madwar xi tlett darbiet b'kollox. Ghad-domanda ta' f'kemm perijodu ta' zmien kienu dawn it-tlett darbiet, l-imputat wiegeb li f'madwar sena u nofs (*a fol.* 26 u 27).

Apparti dan, baqa' misteru minn kienet dik il-persuna ta' sess femminili li lahqet telqet minn fuq il-post, u li, per konsegwenza, anqas xehdet f'dawn il-proceduri biex taghti l-verzjoni taghha dwar dak li kien gara u li kien ghad irid jigri. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

<u>It-Tieni Imputazzjoni: Pussess Aggravat ta' Kannabis</u>

Illi mir-rapport (Dok. "GS 1" – *fol.* 39 *et seq.*) redatt mill-ixjenzat Godwin Sammut jirrizulta li nstab il-kannabis fil-pussess tal-imputat. B'hekk, filwaqt li mhemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati tal-fatt li kellu fil-pussess tieghu l-kannabis, ghandu jigi determinat jekk l-ammont misjub kienx ghall-uzu esklussiv tieghu jew le. Jibda billi jinghad li ghandha ragun id-difiza meta fit-trattazzjoni taghha ssollevat li kien hemm zball fir-rapport tas-Sur Sammut fit-taqsima "Rizultati" f'pagna 4 tar-rapport tieghu (*fol.* 43) fejn gie indikat "10.41g" fejn hemm indikat "karta irromblata". Minn qari tal-konkluzjonijiet tal-istess rapport (pagna 5 tar-rapport – *fol.* 44) jirrizulta li nstab biss fil-pussess tal-imputat 12.69 grammi. M'hemmx dubju li l-piz indikat bhala "10.41g" fejn karta irromblata f'pagna 4 tar-rapport (*fol.* 43) kien semplici *lapsus calami* u dana peress li ma kellu jitnizzel l-ebda piz fejn hemm indikat "karta irromblata". B'hekk wiehed jista' jghid li fil-pussess tal-imputat nstab 12.69g ta' kannabis.

Illi, normalment tintuza 0.2g kannabis kull darba u li persuna jista' jpejjep sa hames *joints* kuljum – li pero jiddependi fuq il-persuna u l-kwalita tal-kannabis. Peress li l-ammont ta' kannabis misjub kien ta 12.69g, ifisser li l-imputat kellu bizzejjed ghal 63 joints (12.69g diviz b'0.2g) u b'hekk f'kaz li jigi kunsidrat li l-imputat jiehu hames joints kuljum kellu ghal tnax-il gurnata. Sorsi ohra jghidu ukoll li normalment titpejjep 1g kuljum li wkoll jaghti ammont ta` tnax-il gurnata.[1]

Illi, minn qari tal-atti processwali, jirrizulta li l-unici zewg fatti li jirrizultaw mill-atti li minnhom wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga huma s-segwenti: (a) il-fedina penali tal-imputat (*fol.* 20) (minn liema jirrizulta li fis-sena 1993 l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-kannabis) u (b) l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, fejn l-imputat qal li ghamel zmien twil ma jiehux droga pero kien rega' beda jiehu madwar sena u nofs qabel ittiehditlu l-istqarrija. Ma jirrizultax mill-provi li l-imputat kien jew huwa xi *heavy-user* tad-droga. Da parti tieghu, l-

[1] World Drug Report 2006 Volume I. Analysis: pagna 196 *et seq.*

imputat ma weriex li kellu jew ghandu xi dipendenza kbira fuq id-droga u li kien jew huwa *heavy-user* taghha. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-ammont ta' droga misjub ghand l-imputat ma kienx wiehed zghir u li mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat instabu *digital scale*, romblu *foil*, karti tal-brim u libretti, minkejja li fl-istqarrija rilaxxata minnu l-imputat jghid li kellu mizien biex setgha jara jekk giex imqarraq, il-Qorti tasal biss ghall-konkluzjoni wahda u cioé li l-ammont ta' kannabis misjub ghand l-imputat ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u b'hekk l-imputat ghandu jigi misjub hati tat-tieni (2) imputazzjoni.

<u>It-Tielet Imputazzjoni: Pussess ta' Kokajina</u>
Illi mir-rapport (Dok. "GS 1" – *fol.* 39 *et seq.*) redatt mill-ixjenzat Godwin Sammut jirrizulta li nstabet il-kokajina fil-pussess tal-imputat. M'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi misjub hati tat-tielet (3) imputazzjoni.

<u>Ir-Raba' Imputazzjoni: Aggravju</u>
Illi mir-rapport (Dok. "SM 03" – *fol.* 67 *et seq.*) redatt mill-Perit Shawn Micallef jirrizulta li r-reati migjuba fil-konfront tal-imputat gew kommessi f'distanza ta' mitt metru minn *ground* tal-futbol. Minkejja dan, ma jirrizultax li dakinhar li l-imputat nqabad bid-droga kien hemm xi loghob jew xi attivita ohra li kienet qed tinzamm fil-*ground* tal-futbol tant li l-imputat u l-persuna l-ohra femminili li lahqet telqet minn fuq il-post ltaqghu fil-vicinanzi. Ma jirrizultax anqas li l-imputat kellu xi intenzjoni li jittraffika d-droga ghan-nies li setgha kien hemm (u fil-fatt ma rrizultax li kien hemm) fil-*ground*. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dan, il-Qorti mhijiex ser issib htija tal-imputat ghar-raba' (4) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati li taghhom huwa ser jinsab hati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati u l-fedina penali tal-imputat.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat

Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 8(a) u (d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (GN 292 tal-1939) issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ sena prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf Euro (€ 1,000).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta’ tlitt mija u tmienja u disghin Euro u tlitt centezmi (€ 398.03).

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------